**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal do Trabalho de Leiria (il-Portugall) fl-24 ta' Ġunju 2013 — Modelo Continente Hipermercados SA vs Autoridade Para As Condições de Trabalho — Centro Local do Lis (ACT)**

**(Kawża C-343/13)**

(2013/C 260/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal do Trabalho de Leiria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Modelo Continente Hipermercados SA

*Konvenuta:* Autoridade Para As Condições de Trabalho — Centro Local do Lis (ACT)

**Domandi preliminari**

(1) Fid-dawl tad-dritt Komunitarju, b'mod speċifiku tad-Direttiva [2011/35/UE ([1]) u tal-Artikolu 19 tagħha], l-inkorporazzjoni ta' kumpanniji jinvolvi sistema ta' trażmissjoni tar-responsabbiltà ta' natura kontravvenzjonali mill-kumpannija li tinkorpora għal fatti mwettqa mill-kumpannija inkorporata qabel ma ġiet irreġistrata l-inkorporazzjoni?

(2) Sanzjoni ta' natura kontravvenzjonali tista' tiġi kkunsidrata bħala kreditu ta' terzi (f'dan il-każ l-Istat minħabba ksur tar-regoli fil-qasam tal-kontravvenzjonijiet) bis-saħħa tal-applikazzjoni tad-Direttiva fejn l-allegat kreditu (multa) jiġi ttrasferit minħabba sanzjoni ta' kontravvenzjoni u fejn isir kreditur l-Istat għall-kumpannija li qed tinkorpora?

(3) L-interpretazzjoni li l-Artikolu 112 tal-Código das Sociedades Comerciais (CSC) ma jinvolvix l-iskadenza tal-proċedura minħabba kontravvenzjoni applikata qabel l-inkorporazzjoni u lanqas ma tinvolvi l-multa li għandha/li ġiet imposta tmur kontra l-imsemmija direttiva Komunitarja li tistabbilixxi l-effetti tal-inkorporazzjoni ta' kumpanniji fejn b'hekk tistabbilixxi interpretazzjoni wiesgħa tan-norma li tmur kontra l-prinċipji Komunitarji, b'mod partikolari l-Artikolu 19 tad-Direttiva?

(4) F'dan is-sens, din l-interpretazzjoni tikser il-prinċipju li ma tistax teżisti kontravvenzjoni mingħajr responsabbiltà oġġettiva (attenwata) jew mhux kuntrattwali tal-entità li qed tinkorpora?

([1]) Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-mergers ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata (ĠU L 110, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria provinciale di Roma (l-Italja) fl-24 ta' Ġunju 2013 — Cristiano Blanco vs Agenzia delle Entrate**

**(Kawża C-344/13)**

(2013/C 260/46)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Commissione tributaria provinciale di Roma

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Cristiano Blanco

*Konvenuta:* Agenzia delle Entrate — Direzione Provinciale I di Roma — Ufficio Controlli

**Domanda preliminari**

L-issuġġettar ta' persuni residenti fl-Italja għal obbligi dikjarattivi u ta' ħlas tat-taxxa fuq ir-rebħ minn każinòs stabbiliti f'pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea, kif previst mill-Artikolu 67(d) tad-Digriet Presidenzjali Nru 917 tat-22 ta' Diċembru 1986 ("TUIR"), imur kontra l-Artikolu 49 tat-Trattat KE, jew għandu jiġi kkunsidrat bħala ġġustifikat minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika fis-sens tal-Artikolu 46 tat-Trattat KE?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda) fl-24 ta' Ġunju 2013 — Karen Millen Fashions Ltd vs Dunnes Stores, Dunnes Stores (Limerick) Ltd**

**(Kawża C-345/13)**

(2013/C 260/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Karen Millen Fashions Ltd

*Konvenut:* Dunnes Stores, Dunnes Stores (Limerick) Ltd

**Domandi preliminari**

(1) Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-karattru individwali ta' disinn li huwa allegat li jibbenefika mill-protezzjoni bħala disinn Komunitarju mhux irreġistrat għall-finijiet tar-Regolament

tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji [1], l-impressjoni ġenerali prodotta fuq utent informat, fis-sens tal-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, għandha tiġi eżaminata b'riferiment għal jekk hijiex differenti mill-impressjoni ġenerali prodotta fuq tali utent minn

(a) kwalunkwe disinn individwali li kien espost lill-pubbliku minn qabel jew

(b) kwalunkwe kombinazzjoni ta' elementi ta' disinn magħrufa li toriġina minn iktar minn disinn wieħed preċedenti ta' dan it-tip?

(2) Qorti tad-disinni Komunitarji għandha l-obbligu li tikkunsidra disinn Komunitarju mhux irreġistrat bħala validu għall-finijiet tal-Artikolu 85(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji jekk id-detentur jillimita ruħu sabiex jindika kif id-disinn għandu karattru individwali, jew id-detentur huwa obbligat jipprova li d-disinn għandu karattru individwali skont l-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-351/13)**

(2013/C 260/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Markoulli u B. Schima)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li, r-Repubblika Ellenika billi ma pprovdietx garanziji li mill-1 ta' Jannar 2012 it-tiġieġ li jbid ma jibqax jitrabba f'gaġeġ mhux mibdula, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha fis-sens tal-Artikolu 3 u tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE [1], tad-19 ta' Lulju 1999, li tistabilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid.

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Mill-1 ta' Jannar 2012, l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 1999/74/KE jipprojbixxi t-trobbija tat-tiġieġ li jbid f'gaġeġ mhux mibdula. Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 1999/74/KE jipprovdi li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw li s-sidien u d-detenturi ta' tiġieġ li jbid japplikaw għat-tiġieġ li jbid unikament is-sistemi ta' trobbija awtorizzati mid-Direttiva. Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar l-obbligi tagħhom sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija iktar il fuq mhux iktar tard mill-2011. Mill-elementi pprovduti mir-Repubblika Ellenika jirriżulta li numru sostanzjali ta' sidien u detenturi ta' stabbilimenti tat-tiġieġ li jbid ma setgħux jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 1999/74/KE sat-terminu previst mid-Direttiva.

Mill-elementi pprovduti mir-Repubblika Ellenika matul il-proċedimenti prekontenzjużi, kif ukoll minn aġġornamenti iktar reċenti ta' dawn l-elementi, jirriżulta li r-Repubblka Ellenika għadha ma kkonformatx mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 1999/74/KE.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 26, p. 225.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Regionale dell'Umbria (l-Italja) fis-27 ta' Ġunju 2013 — Umbra Packaging srl vs Agenzia delle Entrate — Direzione Provinciale di Perugia**

**(Kawża C-355/13)**

(2013/C 260/49)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Commissione Tributaria Regionale dell'Umbria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Umbra Packaging srl

*Konvenuta:* Agenzia delle Entrate — Direzione Provinciale di Perugia

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 160 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 259/2003, li jagħti lok għat-taxxa ta' awtorizzazzjoni mill-Gvern skont it-tariffa prevista fl-Artikolu 21 tad-DPR Nru 641/1972, huwa konformi mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/20 [1] li jeskludi, fis-sistema liberalizzata tal-komunikazzjonijiet, is-setgħa ta' stħarriġ tal-awtorità amministrattiva li minnha tinkiseb il-ġustifikazzjoni tal-impożizzjoni ta' ħlas fuq l-utent tas-servizz?

(2) L-Artikolu 3(2) tad-Digriet Ministerjali Nru 33/1990, li tirreferi għalih it-tariffa prevista fl-Artikolu 21 tad-DPR Nru 641/1972, kif emendat bl-Artikolu 3 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 151/1991, huwa konformi mas-sistema ta' kompetizzjoni ħielsa u mal-projbizzjoni, prevista fl-Artikolu 102 TFUE, li jiġu applikati fil-konfront ta' imsieħba kummerċjali kundizzjonijiet differenti għal prestazzjonijiet ekwivalenti?